

**REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 1571/2007****tal-21 ta' Diċembru 2007****li jiffissa l-prezzijiet Komunitarji tal-bejgħ ta' prodotti tas-sajd elenkati fl-Anness II tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 104/2000 għas-sena tas-sajd 2008**

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (KE) Nru 104/2000 tas-17 ta' Diċembru 1999 dwar l-organizzazzjoni komuni tas-swieq fil-prodotti tas-sajd u l-akkwakultura <sup>(1)</sup>, u b'mod partikolari l-Artikolu 25(5) u (6) tiegħu,

Billi:

- (1) Il-prezz tal-bejgħ tal-Komunità għandu jiġi ffixat għal kull wieħed mill-prodotti elenkati fl-Anness II tar-Regolament (KE) Nru 104/2000 qabel il-bidu tas-sena tas-sajd, f'livell talanqas ugwali għas-70 % u li ma jaqbiżx id-90 % tal-prezz ta' gwida.
- (2) Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1447/2007 <sup>(2)</sup> jiffissa prezzijiet ta' gwida għas-sena tas-sajd 2008 għall-prodotti kollha kkonċernati.
- (3) Il-prezzijiet tas-suq ivarjaw konsiderevolment skond l-ispeċi u kif ikunu ppreżentati l-prodotti, partikolarment fil-każ tal-klamar u tal-marlozz.

(4) Il-fatturi tal-konverżjoni għandhom għalhekk ikunu ffixati għall-ispeċijiet differenti u l-preżentazzjonijiet tal-prodotti ffriżati li jinsabu fil-Komunità sabiex ikun stabblit il-livell tal-prezz li jibda l-miżura ta' intervent previst fl-Artikolu 25(2) tar-Regolament (KE) Nru 104/2000.

(5) Il-miżuri pprovduti f'dan ir-Regolament huma konformi ma' l-opinjoni tal-Kumitat ta' Gestiġni għall-Prodotti tas-Sajd,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

Il-prezzijiet tal-bejgħ tal-Komunità, kif imsemmi fl-Artikolu 25(1) tar-Regolament (KE) Nru 104/2000, applikabbli matul is-sena tas-sajd 2008 għall-prodotti elenkati fl-Anness II ta' dan ir-Regolament u l-preżentazzjonijiet u l-fatturi ta' konverżjoni li jirrelataw għalihom huma stipulati fl-Anness għal dan ir-Regolament.

*Artikolu 2*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ l-għada tal-pubblikazzjoni tiegħu fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

Dan għandu japplika mill-1 ta' Jannar 2008.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, 21 ta' Diċembru 2007.

Għall-Kummissjoni

Joe BORG

Membri tal-Kummissjoni

<sup>(1)</sup> ĠU L 17, 21.1.2000, p. 22. Ir-Regolament kif l-aħħar emendat bir-Regolament (KE) Nru 1759/2006 (ĠU L 335, 1.12.2006, p. 3).

<sup>(2)</sup> ĠU L 323, 8.12.2007, p. 1.

## ANNEX

## Prezzijiet tal-bejgħ u fatturi tal-konverżjoni

Speċi	Preżentazzjoni	Fattur tal-konverżjoni	Livell ta' intervent:	Prezz tal-bejgħ (Eur/tunellata)
Ħalibatt ta' Greenland ( <i>Reinhardtius hippoglossoides</i> )	Shih jew imnaddaf, bir-ras jew mingħajrha	1,0	0,85	1 679
Marlozz ( <i>Merluccius</i> spp.)	Shih jew imnaddaf, bir-ras jew mingħajrha	1,0	0,85	1 032
	Fletti individwali			
	— bil-ġilda	1,0	0,85	1 280
— bla ġilda	1,1	0,85	1 408	
Sparidae ( <i>Dentex dentex</i> u <i>Pagellus</i> spp.)	Shih jew imnaddaf, bir-ras jew mingħajrha	1,0	0,85	1 355
Pixxispad ( <i>Xiphias gladius</i> )	Shih jew imnaddaf, bir-ras jew mingħajrha	1,0	0,85	3 432
Gambli <i>Penaeidae</i> (a) <i>Parapenaeus longirostris</i> (b) <i>Penaeidae</i> oħrajn	Iffriżat			
		1,0	0,85	3 427
		1,0	0,85	6 646
Siċċ ( <i>Sepia officinalis</i> , <i>Rossia macrosoma</i> u <i>Sepiola rondeletti</i> )	Iffriżat	1,0	0,85	1 629
Klamari ( <i>Loligo</i> spp.) (a) <i>Loligo patagonica</i>  (b) <i>Loligo vulgaris</i>	— sħaħ, mhux imnaddfa	1,00	0,85	993
	— imnaddfa	1,20	0,85	1 191
	— sħaħ, mhux imnaddfa	2,50	0,85	2 482
	— imnaddfa	2,90	0,85	2 879
Qarnit ( <i>Octopus</i> spp.)	Iffriżat	1,00	0,85	1 801
<i>Illex argentinus</i>	— sħaħ, mhux imnaddfa	1,00	0,80	695
	— tubu	1,70	0,80	1 182

Forom ta' preżentazzjoni kummerċjali:

- sħaħ, mhux imnaddfa: prodott li ma għadda minn ebda trattament
- imnaddaf: prodott li mill-inqas issewwa
- tub: Ġisem ta' klamar li mill-inqas issewwa u tneħħietlu r-ras